

## DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/98

tad-9 ta' Jannar 2023

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2019/1956 fir-rigward ta' standards armonizzati għat-tagħmir tal-kontroll tal-bozoz, għal-luminarji, għat-tagħmir tal-ittejtjar klimatiku u ambjentali u tagħmir ieħor tal-kundizzjonament tat-temperatura, u għat-tagħmir tal-kejl u l-monitoraġġ tal-enerġija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Standardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²), it-tagħmir elettriku konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea, irid ikun preżunt konformi mal-objettivi tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva u stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, koperti b'dawk l-standards armonizzati jew partijiet minnhom.
- (2) Bl-ittra M/511 tat-8 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u lill-Istitut Ewropew tal-Istands tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) biex jipprovdu l-ewwel lista sħiħa tat-titoli tal-standards armonizzati u jwettqu abbozzar, reviżjoni u ttestija ta' standards armonizzati, għat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE ("it-talba"). L-objettivi tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/35/UE u stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva ma nbidlux minn meta saret it-talba lis-CEN, lis-CENELEC u lill-ETSI.
- (3) Abbażi tat-talba, is-CEN u s-CENELEC abbozzaw l-istandard armonizzat EN IEC 61010-2-012:2022 u l-emenda tiegħu EN IEC 61010-2-012:2022/A11:2022, għat-tagħmir tal-ittejtjar klimatiku u ambjentali u tagħmir ieħor tal-kundizzjonament tat-temperatura.
- (4) Abbażi tat-talba, is-CEN u s-CENELEC irrevedew l-istandard armonizzat EN 60598-2-22:2014, kif emendat bl-EN 60598-2-22:2014/A1:2020 u kkoreġut bl-EN 60598-2-22:2014/AC:2015, bl-EN 60598-2-22:2014/AC:2016-05 u bl-EN 60598-2-22:2014/AC:2016-09, għal-luminarji tat-tidwil ta' emerġenza, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati mid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1956 (³). Dan wassal għall-adozzjoni tal-istandard armonizzat EN IEC 60598-2-22:2022.

(¹) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

(²) Id-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġjiet tal-Istati Membri relativamente għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 357).

(³) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1956 tas-26 ta' Novembru 2019 dwar l-standards armonizzati għat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ, li ġiet abbozzata b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 306, 27.11.2019, p. 26).

- (5) Abbażi tat-talba, is-CEN u s-CENELEC irrevedew ukoll l-standards armonizzati li ġejjin, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (⁴): EN 61557-12:2008, għat-tagħmir tal-kejl u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni; u EN 60598-1:2015, kif emendat bl-EN 60598-1:2015/A1:2018 u kkoreġut bl-EN 60598-1:2015/AC:2015, EN 60598-1:2015/AC:2016 u EN 60598-1:2015/AC:2017-05, għal-luminarji. Dan wassal għall-adozzjoni tal-standards armonizzati li ġejjin: EN IEC 61557-12:2022; u EN IEC 60598-1:2021 u l-emenda tiegħu EN IEC 60598-1:2021/A11:2022.
- (6) Abbażi tat-talba, is-CEN u s-CENELEC emendaw l-istandard armonizzat EN 61347-2-7:2012, kif emendat bl-EN 61347-2-7:2012/A1:2019, għat-tagħmir tal-kontroll tal-bozoz, li r-referenzi tiegħu ġew ippubblikati mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956. Dan wassal għall-adozzjoni tal-istandard armonizzat emendantorju EN 61347-2-7:2012/A2:2022.
- (7) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN u s-CENELEC, ivvalutat jekk dawk l-standards armonizzati u l-emendi tagħhom jikkonformawx mat-talba.
- (8) L-standards armonizzati li ġejjin jissodisfaw l-objettivi tas-sikurezza li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2014/35/UE: EN IEC 61010-2-012:2022, kif emendat bl-EN IEC 61010-2-012:2022/A11:2022; EN IEC 61557-12:2022; EN IEC 60598-1:2021, kif emendat bl-EN IEC 60598-1:2021/A11:2022; EN IEC 60598-2-22:2022; u EN 61347-2-7:2012, kif emendat bl-EN 61347-2-7:2012/A1:2019 u bl-EN 61347-2-7:2012/A2:2022. Għalhekk jixraq li r-referenzi ta' dawk l-standards u tal-emendi tagħhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (9) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956 jipprevedi r-referenzi tal-standards armonizzati li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità mad-Direttiva 2014/35/UE. Biex ikun żgurat li r-referenzi tal-standards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE jkunu elenkti f'att wieħed, ir-referenzi ta' dawk l-standards jenħtieġ li jiġu inklużi f'dak l-Anness.
- (10) Għalhekk jeħtieġ jiġu rtirati r-referenzi tal-standards armonizzati EN 60598-2-22:2014 u EN 61347-2-7:2012, flimkien mar-referenzi ta' kull standard emendantorju jew ta' korrezzjoni tagħhom ippubblikat fis-Serje L ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, peress li dawn ġew riveduti jew emendati. Għalhekk jixraq li dawk ir-referenzi jitħassru mill-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956.
- (11) Jeħtieġ ukoll jiġu rtirati r-referenzi tal-standards armonizzati EN 61557-12:2008 u EN 60598-1:2015, flimkien mar-referenzi ta' kull standard emendantorju jew ta' korrezzjoni tagħhom ippubblikat fis-Serje C ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, peress li dawn ġew riveduti. L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956 jelenka r-referenzi tal-standards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE li ġew irtirati mis-Serje C ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk jixraq li dawk ir-referenzi jiddaħħlu f'dak l-Anness.
- (12) Biex il-manifatturi jkollhom żmien bizzżejjed biex jadattaw it-tagħmir elettriku tagħhom kopert bl-standards armonizzati: EN 61557-12:2008; EN 60598-1:2015, kif emendat bl-EN 60598-1:2015/A1:2018 u kkoreġut bl-EN 60598-1:2015/AC:2015, EN 60598-1:2015/AC:2016 u EN 60598-1:2015/AC:2017-05; EN 60598-2-22:2014 kif emendat bl-EN 60598-2-22:2014/A1:2020 u kkoreġut bl-EN 60598-2-22:2014/AC:2015, EN 60598-2-22:2014/AC:2016-05 u EN 60598-2-22:2014/AC:2016-09; u EN 61347-2-7:2012 kif emendat bl-EN 61347-2-7:2012/A1:2019, l-irtirar tar-referenzi ta' dawk l-standards armonizzati jeħtieġ jiġi diferit.
- (13) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956 jenħtieġ li tiġi emadata skont dan.
- (14) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti, inkluż l-objettivi tas-sikurezza, stabiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

<sup>(4)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implementazzjoni tad-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relativament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU C 326, 14.9.2018, p. 4).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956 hija emendata kif ġej:

- (a) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;
- (b) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-punt (1) tal-Anness I għandu japplika mill-11 ta' Luuju 2024.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Jannar 2023.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

## ANNESS I

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956 huwa emendat kif ġej:

- (1) jitħassru r-ringieli 14a u 54;
- (2) ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu f'ordni sekwenzjali:

Nru	Referenza tal-istandard
"14b.	EN IEC 60598-2-22:2022 Luminarji - il-Parti 2-22: Rekwiżiti partikolari - Luminarji tat-tidwil ta' emerġenza"
"54a.	EN 61347-2-7:2012 Tagħmir tal-kontroll tal-bozoz - il-Parti 2-7: Rekwiżiti partikolari għat-tagħmir tal-kontroll elettroniku bil-batterija tat-tidwil ta' emerġenza (awtonomu) EN 61347-2-7:2012/A1:2019 EN 61347-2-7:2012/A2:2022";

- (3) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard
"128.	EN IEC 60598-1:2021 Luminarji - il-Parti 1: Rekwiżiti ġenerali u testijiet EN IEC 60598-1:2021/A11:2022
129.	EN IEC 61010-2-012:2022 Rekwiżiti tat-sikurezza għal apparat elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju - il-Parti 2-012: Rekwiżiti partikolari għat-tagħmir tal-itteżżejjar klimatiku u ambjentali u tagħmir ieħor tal-kundizzjonament tat-temperatura EN IEC 61010-2-012:2022/A11:2022
130.	EN IEC 61557-12:2022 Sikurezza elettrika fis-sistemi tad-distribuzzjoni ta' vultaġġ baxx sa 1 000 V AC u 1 500 V DC - Tagħmir għal itteżżejjar, kejl jew monitoraġġ tal-miżuri protettivi - il-Parti 12: Tagħmir tal-kejl u l-monitoraġġ tal-enerġija (PMD)".

## ANNESS II

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
"118.	EN 60598-1:2015 Luminarji - il-Parti 1: Rekwiżiti ġenerali u testijiet EN 60598-1:2015/AC:2015 EN 60598-1:2015/AC:2016 EN 60598-1:2015/AC:2017-05 EN 60598-1:2015/A1:2018	il-11 ta' Lulju 2024
119.	EN 61557-12:2008 Sikurezza elettrika fis-sistemi tad-distribuzzjoni ta' vultaġġ baxx sa 1 000 V AC u 1 500 V DC - Tagħmir għal ittestjar, kejl jew monitoraġġ tal-miżuri protettivi - il-Parti 12: Tagħmir tal-kejl u l-monitoraġġ tal-enerġija (PMD)	il-11 ta' Lulju 2024"